



# Il-Banda fl-imgħoddi (19)



**kitba ta' Joseph N. Farrugia**

Is-sena 1965 kienet sena ħażina għall-għaqda tagħna, għaliex nhar il-Ħamis 9 ta' Settembru 1965 fis-siegħat bikrin ta' filgħodu, is-Sur Gio Maria Dalli, li kien il-President ta' l-għaqda tagħna għal dawk l-aħħar 9 snin, miet wara marda qasira.

Il-funeral tiegħu sar is-Sibt 11 ta' Settembru 1965 filgħodu, meta l-banda tagħna daqqet marċ funebri fuq iz-zuntier tal-Knisja sakemm il-mejjet President ġie mwassal il-Knisja mid-dar tiegħu li tiġi faċċata tal-Knisja. Wara l-quddiesa funebri Presente Cadavere, il-banda tagħna mexxiet il-Korteo Funebri mill-Knisja sa tarf il-Gudja bħala l-aħħar tislima lill-mejjet President, li tant ħadem u rsista għall-Għaqda u l-Banda tagħna.

Peress li ma kienx fadal ħafna żmien għal-Laqgħa Ġenerali Annwali, il-kumitat iddeċieda li s-Sur Tony Mangion, li kien il-Viċi-President, jibda jaqdi d-dmirijiet ta' Aġent President, filwaqt li s-Sur Loretu Abela jaqdi d-dmirijiet ta' Viċi-President ma' dak ta' assistent kaxxier.

Il-mewt tas-Sur Gio Maria Dalli ġabitna wkoll bla persuna responsabbli mill-post tan-nar ta' l-għaqda, peress li l-permess tal-Pulizija għall-post tan-nar konna dawwarnieh minn fuq is-Sur Karmnu Dalli għal fuq Gio Maria Dalli, għalhekk, aħna tlabna lill-pulizija biex issa l-permess tal-post tan-nar jiġi mdawwar minn fuq Gio Maria Dalli għal fuq Joe Dalli bħala membru ta' l-għaqda tagħna, iżda din ma kinitx ħaġa ħafifa, għax kultant tiskanta kif jiġu l-affarijiet.

Is-Sur Fedele Spiteri kien persuna rispettata ħafna u magħruf mhux biss fil-Gudja iżda anke f'ħafna postijiet oħra u ma' l-Awtoritajiet. Iċ-Ċinturanti tal-Gudja kienu jafu li Fedele Spiteri kien il-persuna addattata biex jikseb biċċa art, li fuqha jkun jista' jinbena post tan-nar li fih id-dilettanti tan-nar ta' l-għaqda tagħna jkunu jistgħu jaħdmu n-nar għall-festi ta' Santa Marija u taċ-Ċintura.

Meta s-Sur Fedele Spiteri sab il-post addattat, ħafna dilettanti kienu jinżlu kull nhar ta' Ħadd jaħdmu fil-bini tal-post tan-nar biex ikun lest kmieni kemm jista' jkun. Iżda meta sar il-kuntratt bejn l-Awtorità tal-Knisja, li huma l-propretarji ta' l-art konċernata, s-Sur Fedele Spiteri, bil-kunsens ta' Salvu Cutajar li kien jaħdem l-art ta' madwar il-biċċa blat li fuqha kien se jinbena l-post tan-nar, ma niżżilx fil-kuntratt li huwa qed jidher fuq bħala rappreżentant ta' l-għaqda tagħna.

Ġara wkoll li s-Sur Gio Maria Dalli huwa miżżewweġ lil waħda mill-ulied tas-Sur Fedele Spiteri, u għalhekk il-pulizija qalet li l-post tan-nar jista' jkun li mhux ta' l-għaqda tagħna, iżda tal-familja Spiteri. Is-Sur Gio Maria Dalli kellu l-permess tal-post tan-nar bħala wieħed mill-werrieta ta' Fedele Spiteri.

Wara ħafna korrispondenzi u kuntatti mal-pulizija, aħna ġejna mitluba nressqu provi sodi li s-Sur Gio Maria Dalli kellu l-permess tal-post tan-nar bħala rappreżentant ta' l-għaqda tagħna u mhux bħala werriet tas-Sur Fedele Spiteri. Il-prova tagħna kienet il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat li saret nhar it-Tlieta 8 t'Ottubru 1963, fejn hemm imniżżel li s-Sur Gio Maria Dalli se jkollu l-permess tal-post tan-nar bħala rappreżentant ta' l-għaqda tagħna, u dawn il-minuti barra l-firma tas-Sur Jos. N. Farrugia bħala Segretarju, għandhom ukoll il-firma tas-Sur Gio Maria Dalli bħala President ta' l-għaqda tagħna, li jfisser li l-istess Gio Maria Dalli qed japprova l-minuti fejn jingħad li hu se jkollu l-permess tal-post tan-nar bħala rappreżentant ta' l-għaqda tagħna, u awtomatikament li l-post tan-nar fil-kuntrada tad-disinni huwa ta' l-għaqda tagħna u mhux ta' xi persuni privati.



*Fedele Spiteri li mexxa t-taħdidiet mal-Kurja dwar l-art li fuqha nbena l-post tan-nar ta' l-Għaqda tagħna – 1924.*